# Il-kult ta' San Ġużepp f'Ħal Tarxien

J.C Camilleri

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp fost it-Tarxiniżi hija waħda kbira. Hafna mill-ulied kienu jiġu msemmija Ġużeppi, Żeppi, Peppi, Joe, Ġużi, Joseph jekk kienu subien u jekk kienu bniet kienu jiġu mogħtija l-isem ta' Ġużeppa, Ġużeppina, Ġuża, Josephine. Għaliex dan il-kult hu ferm popolari fost it-Tarxiniżi? L-ewwel u qabel kollox it-titular tal-parroċċa - Marija Annunzjata - jitlob ħarsa bir-reqqa lejn il-Madonna, San Gabrijel u San Ġużepp; ir-raġel ġust ta' Marija u l-missier putattiv ta' Ġesù.

It-tieni ħaġa hi li d-devozzjoni lejn San Ġużepp hija mifruxa sew fost il-kommunitajiet ta' madwar Ħal Tarxien. Fil-knisja Arċipretali tal-Gudja hemm artal laterali bi kwadru tal-Mewt ta' San Ġużepp. Dan hu xogħol l-artist Taljan minn Perugia Domenico Bruschi. Ta' min jgħid li Ħal Tarxien ħareġ minn din il-parroċċa. Iż-Żejtun, parroċċa oħra qadima qrib Ħal Tarxien, insibu wkoll artal laterali ddedikat lil dan il-qaddis. Il-pittura Żejtunija ta' San Ġużepp saret minn Ramiro Calì. Fis-sagristija hemm kwadru qadim ieħor ta' San Ġużepp kif ukoll statwa proċessjonali li kienet saret fi żmien il-prokuratur Dun Spir Grixti. Ħal Għaxaq hija wkoll lokalità fejn id-devozzjoni lejn San Ġużepp hija murija bil-kbir. Fil-knisja parrokkjali hemm artali bi kwadru li sar mill-pinzell ta' Franġisk Zahra fl-1750 kif ukoll statwa proċessjonali, fratellanza u Soċjetà Filarmonika msemmija wkoll għal San Ġużepp. Bormla, għandha sotto-titular ovali fil-kappellun tax-xelluġ xogħol Ramiro Calì kif ukoll statwa maħduma minn Abram Gatt fl-1903. F'Bormla, lil San Ġużepp issirliu festa bil-purċissjoni kull sena.

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp kompliet tikber fiż-żona qrib Ħal Tarxien għaliex fil-parroċċi l-ġodda daħlet ukoll id-devozzjoni lejn dan il-qaddis. Fil-knisja parrokkjali ta' Kristu Sultan hemm kwardu ta' San Ġużepp xogħol Wistin Camilleri. Dan filwaqt li, fil-knisja parrokjali l-qadima ta' Sant' Ubaldeska f'Raħal Ġdid, hemm pittura oħra ta' San Ġużepp xogħol Giuseppe Calì. Ta'min jgħid li din il-parroċċa ħarġet mill-parroċċa Tarxiniża. Min-naħa l-oħra fil-knisja parrokkjali l-qadima tal-Fgura hemm artal laterali bi kwadru ta' San Ġużepp xogħol Ġużeppi M Caruana. Illum dan il-kwadru jinsab fil-kunvent tal-Patrijiet Karmelitani. Fil-knisja parrokkjali l-ġdida ta' din il-komunità hemm statwa miġjuba mill-Italja. Il-Fgura wkoll għandha għeruq Tarxiniżi.

***Devozzjoni fil-knisja parrokkjali ta' Ħal tarxien***

Waħda mill-kappelli fil-knisja ta' Marija Annunzjata hija ddedikata lil San Ġużepp. Referenza għall-artal ta' din il-kappella niltaqgħu magħha għall-ewwel darba fir-rapport tal-Vista Pastorali tal-Isqof Cagliares li saret fl-1627. F'dik is-sena konna nsibu żewġ persuni inkarigati minn din il-kappella. Dawn kienu Ġulju Veneziano u Ġulju Galdes. Dawn kienu akkwistaw il-patronaġġ ta' din il-kappella b'digriet tal-Isqof Cagliares nhar l-1 ta' Marzu 1624. Dawn it-tnejn min-nies wegħdu li jagħtu tliet skudi għall-festa ta' San Ġużepp li kienet issir fil-knisja parrokkjali. Tliet snin wara Veneziano u Galdes taw rigal tassew sabiħ lill-knisja parrokkjali - il-kwadru ta' San Ġużepp.

***Il-kwadru***

F'nofs dan ix-xogħol artistiku hemm il-Bambin Ġesù. Il-ħarsa tal-Bambin hija lejn il-persuna li qed iħares lejn il-kwadru. Fuq in-naħa tax-xellug hemm il-figura ta' San Ġużepp qed jżomm lill-Bambin. Hemm rabta kbira bejn il-Bambin u San Ġużepp. Id il-Bambin



L-inkwadru ta' San Ġuzepp xogħol Ġan Nikola Buhagiar

sejra taqbad lil San Ġużepp waqt li l-qaddis qed iżomm il-Bambin b'rabta ta' missier. L-id l-oħra ta' San Ġużepp tinsab miftuħa biex tilqa' lil kull wieħed u waħda minna. Jekk il-ħarsa tal-Bambin hija qawwija, l-ħarsa ta' San Ġużepp hi ta' wieħed umli u mimli imħabba.


L-artal ta' San Ġuzepp

Il-Madonna tinsab mehdija taqra fi ktieb. Hawn naraw lill-Madonna tieħu rwol sekondarju waqt San Ġużepp għandu rwol primarju. Fuq San Ġużepp hemm il-Missier Etern b'idejh miftuħa. Quddiemu hemm l-Ispirtu s-Santu. B'hekk il-kwadru għandu żewġ Trinitajiet - it-Trinità Mqaddsa - il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, u t-trinità fil-persunaġġi tal-Familja Mqaddsa - Il-Bambin (l-Iben), San Ġużepp u l-Madonna. Il-bqija tal-kwadru huwa mimli daqs bajda bil-figuri ta' puttini (anġli żgħar) u anġli kbar. Hemm bilanċ kbir fil-kwadru. Hemm rabta bejn it-Trinità Mqaddsa u l-Familja Mqaddsa. Din ir-rabta tinsab fil-figura tal-Bambin. Kif tgħid, hemm rabta kbira bejn San Ġużepp u l-Bambin u rabta oħra kbira bejn Missier Etern u l-Bambin. It-Tnejn huma missirijiet tal-Bambin, wieħed tas-sema u l-ieħor tal-art. Fil-parti t'isfel, biswit is-sieq ta' San Ġużepp hemm il-bastun bil-fjuri u anġlu li għandu l-għodda tal-mastrudaxxa. L-atmosfera tal-kwadru hija waħda barrokka, qisa l-Familja Mqaddsa kienet tgħix f'palazz nobbli. L-idea tal-barrokk kien strument għall-knisja nisranija biex tiġġieled l-idea tal-protestantiżmu. Il-kwadru fih elementi storiku, fil-parti t'isfel hemm l-ismijiet taż-żewġ benefatturi.

Il-kwadru sar minn id l-artist Malti Ġan Nikola Buhagiar qabel il-Vista Pastorali tal-1627. Fil-fatt il-kwadru jissemma fir-rapport tal-Vista Pastorali li kien għamel l-Isqof Cagliares fl-1627 u fir-rapport tal-Vista Pastorali tal-Isqof Molina tas-snin 1678-80. Fis-snin disgħin dan il-kwardu ġie rrestawrat minn Dun Ġino Gauci, bl-ispejjeż ħallas għalihom is-Sur Joseph Debono.

### *L-artal*

Għall-ewwel l-artal kien tal-ġebel bi skannell tal-injam fuqu. Qrib is-sena 1679 sar xi tibdil, l-iskannell sar tal-ġebel imdawwar b'żewġ kolonni tal-ġebel u xi skultura oħra. Fl-1723 il-kappella kienet qed tinbena mill-ġdid. Sitt snin wara saret l-iskultura ta' madwar l-inkwadru b'ħafna xbihat tal-anġli. Fuq dan l-artal ġiet imwaqqfa kanonikament is-Sodalità ta' Ġesù Bambin. Din twaqqfet b'digriet tal-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan. L-istess Isqof approva l-istatut ta' din is-Sodalità, fis-16 ta' Jannar 1749. Fuq l-iskannell tal-artal ta' San Ġużepp poġġew niċċa tal-injam indurat u fiha poġġew figura ta' Ġesù Bambin li kienet tax-xema'.

Il-kappella ta' San Ġużepp għamlulha kupletta, li x-xogħol fuqha kien tlesta fl-1743. Madwar il-kwadru u l-prospettiva komplew żejnuhom bl-iskultura. Monsinjur Prof Borg jikteb hekk: ' Din kienet l-ewwel biċċa xogħol ta' skultura fil-ġebel li kien hemm fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien li ġiet imżejna b'dan il-mod.

### *Aktar xogħlijiet artistiċi marbutin mad-devozzjoni lejn San Ġużepp*

Biex ipitter il-kor tal-knisja ġabu lil Ġużeppi Calì. Iż-żewġ kwadri laterali juru l-Adorazzjoni tal-Maġi u l-Ħarba lejn l-Eġittu. It-tnejn fihom il-figura ta' San Ġużepp. Skont Tony Terribile l-ħmara fil-pittura tal-Ħarba lejn l-Egittu kienet ta' wieħed minn Ħal Tarxien. Dan l-istess persuna ppoża għall-figura ta'


Iż-żwieġ tal-Madonna u San Ġużepp.
Pittura ta' Ġanni Vella

San Pawl. Skont ma kienu jgħidu x-xjuħ, il-ġarra tal-fuħħar li hemm fl-istess pittura ħasbuha ġarra vera. Min-naħa l-oħra wieħed mill-istudenti tal-'Istitut Apostolique Africain' ippoża għall-figura ta' wieħed mill-Maġi. Dawn iż-żewġ pitturi saru fl-1894 u tħallsu minn Ġiuseppe Caruana tant

li l-arma tal-kunjomu tidher fuq il-kwadru tal-Ħarba lejn l-Eġittu. Għal dawn il-pitturi Caruana ħareġ minn butu s-somma ta' 83 lira. Tony Terribile jkompli jgħid: 'Dawn il-kwadri tħallsu mill-kappillan Dun Franġisk Attard, kif tixhed l-arma ta' kunjomu li nsibu mpittra fl-istess kwadri. Kienu swew 30 lira.'

San Ġużepp jidher ukoll fil-pittura tas-saqaf li għamel Ġanni Vella. Dawn saru fis-sena 1950. Mis-sitt xeni mill-ħajja tal-Madonna tnejn minnhom fihom il-figura ta' San Ġużepp. Naraw lil dan il-qaddis fix-xena taż-Żwieġ tal-Madonna u anke fix-xena li juri meta l-Madonna sabet lil binha Ġesù jiddisputa mad-dutturi. Fil-koppla hemm ukoll xbieha ta' San Ġużepp. Dan il-qaddis jinsab imdaħħal flimkien mad-Dutturi tal-Knisja, flimkien ma' San Ġwann Battista. Din tifforma parti minn tmien bċejjeċ li jippreżentaw diversi titli tal-Madonna . San Ġużepp jidher ukoll fl-apside ta' fuq l-orgni, fejn naraw xena allegorika tal-Magnificant. San Ġużepp jinsab fuq il-lemin tal-Madonna. Din il-biċċa xogħol artistika hi xogħol il-Kavallier Rafel Bonnici Calì.


L-Istatwa ta' San Ġuzepp maħduma mid-ditta Stuflesser

Wirt ieħor Ġużeppin huwa l-istatwa tal-qaddis. Din saret fil-belt Taljana ta' Bolzano fl-1961. Hawn minn hu tal-fehma li din tħallset minn benefattriċi waqt Joseph A Farrugia hu tal-fehma li din tħallset minn grupp ta' benefatturi li kien jisimhom Ġużeppi. Il-gazzetta 'Tarxien' tgħid hekk fil-ħarġa tagħha t' Awissu-Ottubru: "L-ewwel avveniment li rridu nirreġistraw hu l-wasla tal-istatwa ta' S. Ġużepp, rigal lill-parroċċa minn benefattriċi. L-Istatwa nħadmet mid-ditta Stuflesser ta' Astrixi, l-Italja, u ġiet imbierka u inawgurata fl-1 ta' Mejju, festa ta' San Ġużepp Ħaddiem."

Il-kappella ta' San Bartilmew Appostlu u tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb li tinsab biswit id-dar tal-kappillan għandha wkoll kwadru żgħir ta' San Ġużepp. Dan juri l-mewt ta' dan il-qaddis. Dan l-inkwadru hu parti minn sett ta' erba' li qegħdin fuq il-bibien iż-żgħar ta' din il-kappella.


Il-kwadru ta' San Ġużepp fil-kappella ta' San Bert

Il-kwadru hu ta' artist mhux magħruf. L-artist ġie influwenzat minn kwadru tal-istess suġġett li jinsab fuq wieħed mill-altari tal-ġemb fil-kappella tal-Madonna ta' Maresa fil-Kurja tal-Arċisqof il-Furjana. Il-pittura tal-Kurja hija xogħol Antoine de Favray u saret madwar 1748/9.

Fil-kwadru tal-kappella ta' San Bert insibu l-arma tal-familja Gauci. Din l-arma tidher ukoll fuq il-kwadru pariġġ li juri l-mewt ta' San Franġisk Saverju. Aktarx din l-arma qed turina min ħallas għal dawn iż-żewġ opri artistiċi. Mhux ħaġa kbira li f'din il-kappella nsibu kwadru ta' San Ġużepp. Skont l-istudjuż Anthony Casha, Dun Bert Mangion (1705-1759) li ħallas għall-bini ta' din il-kappella kien devot ta' San Ġużepp.

### *Il-Kappella ta' San Ġużepp*

Fi Triq Ħal Tarxien insibu kappella li fil-faċċata tagħha hemm statwa tal-ġebel ta' San Ġużepp. Din inbniet fl-1874 a spejjes ta' Dun (wara Monsinjur) Franġisk Saverju Caruana. Flimkien mal-knisja


Il-kappella ta' San Ġużepp fi Triq Ħal Tarxien

Dun Franġisk waqqaf ġuspatronat u ħalla werrieta universali lill-patrijiet il-bojod. Dawn il-patrijiet kienu twaqqfu mill-kardinal Lavigerie bl-għan li jedukaw tfal u żgħażagħ Afrikani li wara li jispiċċaw il-kors tagħhom ikunu jistgħu jgħallmu lil nieshom. Fl-1881 il-kardinal Lavigerie wasal Malta u ġab miegħu 16-il żagħżugħ Afrikani u 3 missjunarji. Dawn spiċċaw Ħal Tarxien fl-Istitut Apostolique Africain. Meta dan l-istitut għalaq daħlu s-sorijiet tal-Karità u wara waqqfu l-'Casa Madre Provinċjali'

fil-bini ta' biswit il-knisja ta' San Ġużepp. Malwasla tas-sorijiet il-knisja saret iddedikata lill-Madonna Immakulata. L-istatwa ta' San Ġużepp bagħqet fuq il-faċċata tal-knisja.

### *San Ġużepp fil-leġġendi Tarxiniżi*

Waħda mil-leġġendi Tarxiniżi tgħid li San Ġużepp kien jaħdem l-injam bil-lexxuna; ma kienx skultur, imma kellu furmatur u skalpell u naturalment martell u tnalja, imma ma kellux serrieq u aktarx li qatt ma ra serrieq. Jingħad li darba fettillu jivvinta xafra wiesgħa biex jillixxa l-injam, flok iċ-ċana tal-lum, u sabha tajba ħafna. Jingħad ukoll li x-xitan ma ħamlux jaħdem fil-kwiet u, waqt li t-twajjeb ħaddiem kien rieqed, ix-xitan ħadlu x-xafra u beda jsammar fuqha bil-martell u xellifhielu kollha. Kif sebaħ, l-imgħalliem Ġużeppi kollu paċenzja ħa x-xafra u ppruvaha waqt li x-xitan deherlu u qallu "Issa oqgħod sinnha, mgħallem Ġużeppi". Hawn, l-Imgħalliem wieġbu "Issa ġiet aħjar milli kienet qabel u rrid inkompli nkissrilha x-xafra u nagħmlilha s-snien biex tiġi taqta' aktar". B'hekk sar l-ewwel serrieq famuż, tajjeb biex jifred l-injam. Ix-xitan irrabja, telaq u ma baqax jittanta lill-Ħaddiem ta' Nazaret, imma beda jdur u jdur mal-ħaddiema l-oħra ta' bla paċenzja u sabhom rotob għal snienu u spiss kien jidħaq bihom bil-ħżunija tiegħu.'

### *Niċeċ ta' San Ġużepp*

F'Ħal Tarxien insibu bosta niċċeċ li erba' minnhom huma ddedikati lil San Ġużepp. Dawn in-niċeċ Ġużeppini jinsabu fil-parti li tagħti lejn Raħal Ġdid. Insibu waħda fil-bidu ta' Triq il-Kbira, quddiem il-knisja parrookjali. Hemm oħra fuq knisja ta' San Ġużepp fi Triq Ħal Tarxien. Tnejn fiż-żona ta' wara din il-knisja jiġifieri bejn Triq il-Karmnu u Triq San Ġużepp u bejn Triq is-Sorijiet u Triq Santa Tereża.


In-niċċa ta' San Ġużepp fi Triq il-kbira

Dan jurik, ċar u tond, kemm hemm imħabba lejn San Ġużepp fid-demm Tarxiniż.

San Ġużepp kellu u għad għandu devozzjoni kbira fost it-Tarxiniżi. Il-kult tiegħu għadu mifrux sew ma' dan il-poplu minkejja li l-isem Ġużeppi jew Ġużeppa taru mar-riħ fost it-tfal Tarxiniżi!


In-niċċa ta' San Ġużepp fi Triq is-Sorijiet


In-niċċa ta' San Ġużepp fi Triq Santa Marija


In-niċċa ta' San Ġużepp fi Triq San Ġużepp